Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10445 - Seventh Cinven Fund/Restaurant Brands Iberia)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 375/05)

1. Fis-7 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cinven Capital Management (VII) General Partner Limited (Guernsey, "Cinven")

— Restaurant Brands Iberia S.A. (Spanja, "RBI")

Cinven takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' RBI.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Cinven: impriża ta' ekwità privata impenjata fil-provvediment ta' ġestjoni tal-investiment u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment għal għadd ta' fondi tal-investiment. Cinven tikkontrolla għadd ta' kumpaniji tal-portafoll li huma attivi f'varjetà ta' setturi f'firxa ta' ġurisdizzjonijiet.

— RBI: kumpanija li tipprovdi attivitajiet ta' ristoranti ta' servizz rapidu bl-isem tad-ditta Burger King fi Spanja, il-Portugall, Ġibiltà u Andorra, u l-isem tad-ditta Tim Hortons u Popeyes fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10445 - Seventh Cinven Fund/Restaurant Brands Iberia S.A.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE/BELGIË